**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 11 ta' Marzu 2019**

Numru 4

**Rikors Nru. 97/2018**

**Victor (Joseph Victor) Buttigieg**
**vs**
**l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-28 ta' Settembru 2018 li jghid hekk:

Il-fatti:
Illi r-rikorrent gie mixli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli nhar l-10 ta' Novembru, 2008 u s-seba' xhur qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda
a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Herojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendi u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal- Ligijiet ta Malta;
b) Talli fl-istess lok, jum hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga Herojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitlu 101

tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort ohra awtorizzat li qed jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Talli fl-istess lok, jum hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga methadone specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort ohra awtorizzat li qed jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell kif ukoll mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);

e) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu nhar id-9 ta' Lulju, 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima LL.D.

Il-Qorti kienet mitluba li f’kaz ta htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Settembru tas-sena 2014, ir-rikorrenti instab hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu inkluz dik ta recidiva u ksur ta Ordni ta' Probation. Konsegwentarnent, wara li l-Qorti tal-Magistrati rat il-GN 292/1939; LS 101.02; l-Artikolu 22 tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta Malta; l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara anke li hadet in konsiderazzjoni r-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri dwar l-aggravju tal-mitt (100) metru, u anke wara li rat il-fedina penali tar-rikorrent, fuq ir-reati tad-droga, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kkundannatu ghall-piena karcerarja ta’ hames (5) snin, kif ukoll ghal multa ta’ hamest elef ewro (€5,000), ordnat ukoll il-konfiska tal-flejjes misjuba fl-ammont ta' elf tmien mija u hamsin ewro (€1,850) misjub fuq ir-rikorrent. Illi dwar il-ksur tal-Ordni tal-Probation, l-Onorabbli Qorti, barra li rat l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, rat ukoll l-Artikoli 325(c), 95, 338, 17, 49, 50, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u kkundannatu ghall-piena karcerarja ta' sitt (6) xhur. Fl-ahhar nett, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u kkundannatu

ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontati ghal elfejn mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u sittin centezmu (€2,232.63).

Illi r-rikorrent kien appella mill-precitata sentenza permezz ta' rikors ipprezentat fir-registru tal-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Ottubru tas-sena 2014, li permezz tieghu talab lill-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha in kwantu s-sejbien ta’ htija izda timponi piena anqas harxa fic-cirkostanzi.

Illi b’sentenza moghtija fit-2 ta Frar tas-sena 2017 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Appell Numru 369/2014) gie deciz kif gej:
"Ghalhekk wara li ezaminat bir-reqqa l-atti u s-sentenza appellata, minn fejn jemergu ragunijiet ghaliex l-ewwel Qorti wasslet ghal-piena kominata wara li hadet in konsiderazzjoni fejn kien intercettat l-appellant kien f'distanza ta' anqas minn mitt metru mill-Museum tas-Subien u l-Playing Field tan-Naxxar, (sottolinear tar-rikorrenti) ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tvarja dik il-parti tas-sentenza koncernanti l-piena kominata;
Ghal dawk il-motivi l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha."

L-ilment kostituzzjonali
Ir-rikorrenti jishaqq li fl-ezercizzju ta' kkalibrar tal-piena li sehh kemm mil-Qorti tal-Magistrati, kif ukoll mil-Qorti tal-Appell Kriminali, sehh zball legali miz-zewg Qrati u zball iehor fattwali mil-Qorti tal-Appell Kriminali, in kwantu li b'mod erroneju applikaw id-dispozizzjoni tat-tieni proviso tas-subinciz (2) tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ai fini ta' kjarifika u sabiex jigi evitat kull malintiz, dan il-proviso qieghed jigi riprodot fl-intier:
"Izda wkoll meta persuna tinsab hatja kif provdut fil-paragrafu (a)(i) jew fil-paragrafu (b)(i) u r-reat ikun sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgh, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, lil minuri, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi, il-piena tizdied bi grad."

Ir-rikorrenti ma huwiex bl-ebda mod u manjiera ma qieghed jikkontesta li huwa instab hati ta' imputazzjoni a tenur tal-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101. Ai fini ta' kjarezza u sabiex jigi evitat kull malintiz, dan l-artikolu qieghed jigi riprodott fl-intier:
"Meta r-reat ikun reat taht l-artikolu 4 jew taht l-artikolu 8(c) ta jew ikun jikkonsisti fil-bejgh jew traffikar ta' medicina bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ikun reat taht is-subartikolu (l)(f), jew ikun reat ta' pussess ta' medicina, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taht tali cirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati, jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1C) jew (1D) jew (1E), prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba'mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87)”;

L-ilment tar-rikorrenti jemergi u huwa bbazat li l-atti processwali li jikkontjenu l-provi kollha, hekk kif deskritti b'mod dettaljat mil-Qorti tal-Magistrati, juru bic-car li l-ezercizzju ta' traffikar, kien jsehh mir-rikorrenti mid-dar tieghu. Id-dar tar-rikorrenti

tinsab vicin l-hekk imsejha trade fair grounds, cioe x-xaqliba l-ohra tal-lokalita tan-Naxxar opposta ghal dik fejn hemm il-Knisja Parrokkjali, iI-Museum, u I-Playing field.

L-uniku nexus li hemm fil-proceduri penali kontra r-rikorrenti mal-piazza tan-Naxxar fejn hemm il-Museum, huwa l-fatt li l-Pulizija nhar l-10 ta' Novembru 2008 arrestaw lir-rikorrenti f'dik iz-zona specifikatrnent meta huwa dahal gewwa hanut taz-zraben. Ma tezisti l-ebda prova in atti li tindika li r-rikorrenti meta dahal f'dan il-hanut taz-zraben dahal sabiex jbiegh din id-droga, jew sabiex jassoeja ruhu ma' xi terza persuna ai fini ta' traffikar ta' droga.

Tant huwa palesi dan il-fatt, li l-prosekuzjoni meta xliet lill-esponenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati, bl-ebda mod u manjiera ma addebitat l-aggravju tal-piena emergenti mit-tieni proviso tas-subinciz (2) tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kienet biss il-Qorti tal-Magistrati li di sua sponte applikat l-imsemmi proviso fl-ezercizzju taghha tal-ikkalibrar tal-piena.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali, meta giet sabiex tara jekk tali kkalibrar kienx oneruz jew le, mhux biss ikkunsidrat bl-istess mod bhal ma ghamlet il-Qorti tal-Magistrati, izda sahansitra ghamlet zball fattwali fejn ai fini tal-applikazzjoni ta' dan il-proviso, addeduciet fatt li ma huwiex minnu. Dik il-Qorti sahqet li tali ksur ta' ligi sehh vicin il-Playing Field tan-Naxxar, fl-istess waqt li l-Perit mahtur mil-Qorti tal-Magistrati Valerio Sehembri, eskluda li din il-playing field taqa’ fid-distanza ta' 100 metru mil-hanut taz-zraben fejn gie arrestat ir-rikorrenti.

Ir-rikorrenti bir-rispett jishaqq li kemm il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll il-Qorti tal-Appell ghamlu ernuncjazzjoni zbaljata tal-ligi li minhabba f'hekk huwa nghata piena aktar oneruza min dik li jisthoqqlu.

Ir-rikorrenti jishaqq li galadarba l-provi juru li l-ispaccar kien isir mir-residenza tieghu fl-inhawi tat-trade fair gounds, fejn ma hemm l-ebda "skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh", kif ukoll di piu li l-esponenti gie arrestat mil-Pulizija b'ghazla taghhom gewwa dak il-hanut taz-zraben, it-tieni proviso tas-subinciz (2) tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta legalment u fattwalment ma setax jigi applikat fil-konfront tieghu ai fini ta' kkalibrar ta' piena. B'hekk fil-prattika sehh li l-piena li originarjament kellha f'mohha l-Qorti tal-Magsitrati li timponi fuq ir-rikorrenti in kwantu l-imputazzjonijiet koncernanti l-ksur tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, giet mizjuda bi grad ossia fil-prattika giet mizjuda b'sentejn (A tenur tal-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali, tnaqqis bi grad minn piena ta' hames snin prigunerija jarnmonta ghal tlett snin)!

Illi fid-dawl ta' dak hawn fuq spjegat u konsegwentament fir-rigward tal-mod kif giet erogata l-piena mposta fuq l-esponenti, l-esponenti jemmen illi dan sar b'nuqqas serju tal-amministrazzjoni tal-gustizzja li konsegwentament wassal sabiex l-esponenti gie mcahhad mid-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stante li tali zball krucjali wassal sabiex ingustament tigi mposta piena irragonevoli fuq ir-rikorrenti.

A bazi tas-su espost, l-esponenti jaghmel referenza ghat-taghlim tal-awturi Van Dijk u Van Hoof, fil-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Kluwer Law International (The Hague) 1998)" fejn gie ritenut illi:
"When is a hearing "fair"? In the Kraska Case, the Court took as a starting point that the purpose of Article 6 is, inter alia: "... to place the "tribunal" under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision."

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan ir-rigward f'sentenza deciza nhar il-15 ta' Novembru, 2007 fl-ismijiet 'Khamidov vs Russia' (Nru. tal-Applikazzjoni 72118/01) rriteniet illi:
"173. On the other hand, whilst acknowledging the domestic judicial authorities prerogative to assess the evidence and decide what is relevant and admissible, the Court reiterates that Article 6 § 1 places the "tribunal" under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties (see Van de Hurk v. the Netherlands, judgment of 19 April 1994, Series A no. 288, p. 19, § 59)."

Stante li l-esponenti jemmen illi l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem hija prospetta sabiex tiggrantixxi drittijiet illi huma prattici u effettivi (Vide Cudak v. Lithuania (GC), no. 15869/02, § 58), kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-kalibrar tal-piena b'tali mod illi cahhad lill-esponenti milli ssir gustizzja (Vide Bochan v Ukraine (GC), no. 22251/08), gie lez id-dritt fundamentali tieghu li jkolli smigh xieraq.

Fid-dawl ta' diversi nuqqasijiet illi saru fl-istadju tal-apprezzament tal-provi u kif tali apprezzament zbaljat impinga fuq il-kalibrar tal-piena u konsegwentament fuq id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, l-esponenti jaghmel referenza ghal sentenza ohra tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet 'Carmel Saliba vs Malta' (Nru. tal-Applikazzjoni: 24221/13) deciza nhar l-24 ta' April, 2017 fejn il-Qorti ddecidiet:
"79. The Court considers that the various failures mentioned above, might not individually suffice to find that the applicant had an unfair trial. Nevertheless, the Court cannot ignore the various shortcomings in the proceedings in the present case, particularly the failure to give reasons in respect of the conflicting evidence (see paragraphs 69-74 above) and in respect of the applicant's requests which were shot down with little or 71.0 motivation whatsoever (see paragraphs 76 and 77 above).
80. The foregoing considerations are sufficient to enable the Court to conclude that there had been a violation of Article 6 § 1 of the Convention."

Konkluzjoni
Fid-dawl tas-su espost l-esponenti umilment jishaqq li huwa ampjament car li gew lezi l-imsemmija drittijiet fondamentali tieghu. Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara l-agir tal-intimat jew min minnu, illegali u li jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi jiksru l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukolll-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liema minnhom; u

2. Tirriforma l-piena imposta fuq l-esponenti sabiex tirrifletti r-reati li taghhom kellu jinstab hati l-esponenti u cioe dawk minghajr l-hekk imsejjah l-aggravvju tad-distanza ossia t-tieni proviso tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Taghti dawk l-ordnijiet u direttivi ohra li jidhrilha xierqa skond il-ligi u cirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li tghid hekk:

Illi l-ilment tar-rikorrenti huwa fis-sens "Illi fid-dawl ta' dak hawn fuq spjegat u konsegwentement fir-rigward tal-mod kif giet erogata l-piena mposta fuq l-esponenti, l-esponenti jemmen illi dan sar b'nuqqas serju tal-amministrazzjoni tal-gustizzja li konsegwentement wassal sabiex l-esponenti gie mcahhad mid-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem stante li tali zball krucjali wassal sabiex ingustament tigi mposta piena irragonevoli fuq ir-rikorrenti".

Illi l-esponenti jissottometti li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-
1. Illi r-rikorrenti ma jistax jinqeda bi proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali ghas-semplici raguni, li skont hu, il-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali zbaljaw fis-sentenzi taghhom. Huwa maghruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza li mhijiex il-funzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li ssewwi 'zbalji' tal-qrati ordinarji. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali izda certament li ma tistax tistharreg jekk il-qrati ordinarji iddecidewx b'mod tajjeb u korrett tilwima. Illi minn qari tar-rikors promotur jinzel bic-car li r-rikorrenti qieghed jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tidhol fil-mertu fattwali tal-kaz li gie finalment deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali permezz tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Victor (Victor Joseph) Buttigieg" (Appell numru 369/2014) deciz fit-2 ta' Frar 2017. Fir-rikors promotur tieghu ir-rikorrenti mkien ma jfisser kif gie vjolat id-dritt ta' smigh xieraq izda dak li jaghmel huwa li jikkontesta l-rnod li ddecidiet il-kawza in konfront tieghu il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali li permezz taghha huwa gie misjub hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Fil-fehma tal-esponenti tali kontestazzjoni tohrog il barra mill-iskrutinju li jahsbu ghalih il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

2. Illi mhux kull interpretazzjoni hazina tal-fatti twassal ghal ksur tad-dritt fundamentali u mhux kull meta kawza tintilef minhabba interpretazzjoni jew apprezzament hazin tal-fatti jaghti dritt illi l-mertu tal-kaz ikun ezaminat mill-gdid minn ottika ta' drittijiet fundamentali. Illi l-qrati moghnija b'setgha kostituzzjonali u konvenzjonali ma ghandhomx jigu mibdula f'qrati tat-tielet jew raba' istanza izda dawn il-qrati huma moghtija s-setgha li, f'kaz ta' ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgiba ta' kull Qorti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda dina s-setgha wiesgha hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ma ghandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigh xieraq ikkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom (ara Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et deciza fit-2 ta' Ottubru 2001). Hija setgha limitata biex tiqis jekk il-procediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq kienx

tassew wiehed imparzjali u 'skond il-ligi' (ara Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et deciza fit-28 ta' Dicembru 2001). Illi ghalhekk, proceduri maghmula abbazi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali mhijiex mahsuba biex isservi ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu ghaddew in gudikat. Proprju f'dan il-kaz, ir-rikorrent qieghed ilibbes l-ilment tieghu bhala vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu meta dan ma huwa xejn hlief appell gdid mill-apprezzament milhuq mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Isegwi ghalhekk li ilment bhal dan ma jistax jigi mistharreg mill-Ienti ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u ghalhekk ghandu jigi mwarrab.

3. Illi certament li azzjoni bhal dik odjerna ma ghandhiex tintuza biex wara li jkunu intemmu l-proceduri kriminali tinfetah opportunita gdida ghal min ikun instab hati sabiex jittenta jbiddel id-decizjoni tal-qrati muniti b'gurisdizzjoni kriminali.

4. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li nghad aktar kmieni f'din ir-risposta, l-esponenti jissottometti li l-proceduri kriminali li is sa qed jigi attakkati mir-rikorrenti ma kienu mtappna mill-ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq. F'dan ir-rigward l-esponenti jissottometti li (a) il-proceduri kollha nzammu u gew determinati minn qorti indipendenti u imparzjali; (b) ir-rikorrenti kellu access miftuh ghall-qorti; (c) is-smigh kollu kien kondott fil-presenza tieghu; (d) il-prosekuzzjoni ma kellha l-ebda vantagg procedurali fuq ir-rikorrent bi ksur tal-principju tal-ugwaljanza tal-armi; (e) ir-rikorrenti nghata l-opportunita kollha li jiddefendi l-kaz tieghu minghajr ebda xkiel; (f) ir-rikorrenti kien meghjun minn avukat ta' fiducja tul il-proceduri; u (g) ir-rikorrenti kien moghti z-zmien u l-facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tal-kaz tieghu.

5. Illi f'kull kaz il-lanjanza tar-rikorrenti li l-qrati muniti b'gurisdizzjoni kriminali apprezzaw b'mod hazin il-fatti huwa ghal kollox fallaci. Jekk wiehed janalizza l-provi li ngabru fl-atti tal-process kriminali wiehed ma jistax hlief jaqbel mar-ragunamenti u mal-konkluzjoni milhuqa fis-sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali li sabu lir-rikorrenti hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu inkluz dik ta' recidiva u l-ksur tal-Ordni tal-Probation.

6. Illi s-sejbien ta' htija u l-piena inflitta fuq ir-rikorrenti kienet wahda gusta u legittima meta mqabbla mar-rizultanzi processwali. Mill-provi rrizulta li meta r-rikorrenti kien arrestat fil-hanut taz-zrabet hdejn il-Bank of Valletta tan-Naxxar, fil-pussess tar-rikorrenti kien hemm bott tal-plastic kontenenti d-droga. Illi mill-provi rrizulta wkoll li tali hanut huwa fil-vicinanzi ta' bandli tat-tfal. Illi mbaghad fir-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri li kien mahtur mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja kien gie konkluz illi "Il-Qasam tal-Museum tas-Subien tan-Naxxar u l-Playing Field gewwa Labour Avenue, Naxxar, jaqghu fid-distanza ta' mitt metru mill-hanut bl-isem 'Alessandro Shoes' gewwa l-istess triq u post biswit il-bankina ta' quddiemu". Illi l-verzjoni li kien forna r-rikorrenti fl-istqarrija tieghu ma kkonvincietx lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tant hu hekk li l-istess Qorti osservat li "Frankament il-Qorti, bla tlaqlieq tqis illi Victor Buttigieg ghal kollox inveritjier". Illi tal-istess fehma kienet il-Qorti tal-Appell Kriminali meta kkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti. Illi f'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk il-qrati kriminali fuq il-provi mressqa quddiemhom setghu seneramet u b'serhan il-mohh jaslu ghas-sejbien tal-htija tar-rikorrenti (mill-liema sejbien ta' htija r-rikorrenti ma appellax) u jaslu ghall-piena inflitta sorretta mill-provi prodotti.

7. Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

9. Bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Talba**

Illi r-rikorrent qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara li l-agir tal-intimat illegali u li jilledi d-drittijiet fondamentali tieghu billi jiksru l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ir-rikorrent jilmenta li l-uniku nexus li kien hemm fil-proceduri kriminali kontra tieghu mal-pjazza tan-Naxxar fejn hemm il-Museum, huwa l-fatt li l-Pulizija nhar 1-10 ta' Novembru 2008 arrestawh f'dik iz-zona meta huwa dahal f’hanut taz-zraben. Isostni li ma tezisti l-ebda prova li tindika li meta dahal f'dak il-hanut hu mar hemm sabiex jbiegh id-droga, jew sabiex jassocja ruhu ma' xi terza persuna biex jittraffika d-droga. Ghalhekk meta l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-aggravvju tad-distanza, sar nuqqas serju tal-amministrazzjoni tal-gustizzja li konsegwentament wassal ghal ksur tad-dritt tieghu ghal smigh.

Risposta tal-intimat

L-intimat wiegeb fis-sustanza li r-rikorrenti ma jistax jinqeda bi proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali ghas-semplici raguni, li skont hu, il-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali zbaljaw fis-sentenzi taghhom. Minn qari tar-rikors promutur jidher car li r-rikorrenti qieghed jistieden lil dina l-Qorti sabiex tidhol fil-mertu fattwali tal-kaz li gie finalment deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali permezz tas-sentenza, Il-Pulizija vs Victor (Victor Joseph) Buttigieg deciz fit-2 ta' Frar 2017. Huwa qed jikkontesta l-mod kif iddecidiet il-kawza l-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti tal-Appell Kriminali u mkien fir-rikors ma jfisser kif gie vjolat id-dritt ghal smigh xieraq.

**Smigh xieraq**

Ir-rikorrent ma jiddistingwix xi dispozizzjoni partikolari tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li qed jilmenta minnhom, ghalhekk din il-Qorti se tistharreg l-artikoli safejn rilevanti ghall-akkuzi kriminali dedotti kontra tieghu fejn jolqtu l-lanjanza mqajma minnu.

Il-partijiet rilevanti tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprovdu in sostanza li:

Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali

(a) ghandu jigi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkuzat;

(b) ghandu jigi moghti zmien u facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiza tieghu;

(c) ghandu jithalla jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' rapprezentant legali;

(d) ghandu jigi moghti facilitajiet biex jezamina personalment jew permezz tar-rapprezentant legali tieghu x-xhieda msejha mill-prosekuzzjoni.

L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra hekk:

> (6)1. In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law.
> 3. Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:
> (a) to be informed promptly, in a language which he understands and in detail, of the nature and cause of the accusation against him;
> (b) to have adequate time and facilities for the preparation of his defence;
> (c) to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require;
> (d) to examine or have examined witnesses against him and to obtain the attendance and examination of witnesses on his behalf under the same conditions as witnesses against him;

Fil-fehma tal-Qorti, minn ezami tal-atti procedurali kriminali ezibiti, ma jirrizultawx li dawn gew imtappna mill-ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq. Jirrizulta li r-rikorrenti nghata l-opportunita kollha li jiddefendi l-kaz tieghu minghajr ebda xkiel. Fil-fatt:

(a) il-proceduri kollha nzammu u gew determinati minn qorti indipendenti u imparzjali;

(b) ir-rikorrenti kellu access miftuh ghall-Qorti;

(c) is-smigh kollu kien kondott fil-presenza tieghu;

(d) l-prosekuzzjoni ma kellha l-ebda vantagg procedurali fuq ir-rikorrent bi ksur tal-principju tal-equality of arms;

(f) ir-rikorrenti kien meghjun minn avukat ta' fiducja tul il-proceduri kollha;

(g) r-rikorrenti kien moghti z-zmien u l-facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tal-kaz tieghu.

**Errors of law or fact - fairness of the proceedings**

L-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrent mhux qieghed f'dan ir-rigward imma dwar kif il-Qorti Kriminali interpretat il-ligi u erogat il-piena. Hu fil-fatt ma appellax mil htija misjuba mill-Qorti imma minn, dak li jghid li huwa, interpretazzjoni hazina tal-ligi. Effettivament ir-rikorrent qed jillanja mil-mod kif il-Qorti Kriminali infliggiet il-piena u dana billi jishaq li sar zball fattwali fejn il-provi kienu juru li l-ispaccar tad-droga, skond ir-rikorrent, kien qed isir mir-residenza tieghu fl-inhawi tat-trade fair gounds, fejn ma hemm l-ebda "skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh". Invece hu issottometta li gie arrestat mill-Pulizija b'ghazla taghhom gewwa hanut taz-zraben lejn in-nahiet tal-iskola u ma ngabet l-ebda prova fl-atti li tindika li hu dahal f'dan il-hanut biex ibiegh id-droga.

Ikompli li meta l-prosekuzjoni xlietu quddiem il-Qorti tal- Magistrati, ma giex addebitat l-aggravju emergenti mit-tieni proviso tas-subinciz (2) tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101. Il-Qorti tal-Magistrati minn rajha applikat l-imsemmi proviso. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ikkunsidrat il-piena bl-istess mod u anke ghamlet zball fattwali meta qalet li tali ksur ta' ligi sehh vicin il-Playing Field tan-Naxxar, meta l-Perit mahtur mil-Qorti ikkonferma illi l-playing field gewwa Labour Avenur, Naxxar ma taqax fid-distanza ta' mitt metru mil-fond bl-isem ta' Casa Buttigieg, gewwa l-istess triq.

Ghalhekk skond ir-rikorrent l-Qorti Kriminali ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi meta mponiet fuqu piena mizjuda bi grad cioe b'sentejn minhabba l-aggravju tal-post.

**Tikkunsidra**

Gie deciz diversi drabi mill-Qorti ta' Strasburgu:

> The question of whether proceedings have been `fair` is of course quite separate from the question of whether the tribunal`s decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under it so-called `fourth instance formula`, it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings.” (ara Application 6172/73, X v. U.K.; Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et, deciza 2 ta` Ottubru 2001; Marks and Charles Limited et vs. Avukat General deciza fit-2 ta' Frar 2018; Aimen Said Giali El Baden vs L-Avukat Generali deciza 10/10/18).

Kif jiktbu l-awturi **Harris, O’Boyle & Warbrick** fil-ktieb ‘Law of the European Convention on Human Rights’ a fol. 202 u 204 (Tieni Edizzjoni):

> The application of Article 6 has presented the Court, and formerly the Commission, with various problems. A delicate question is the closeness with which it should monitor the functioning of national courts. The Court has studiously and properly followed the 'fourth instance' doctrine, according to which, as the Court regularly states, 'it is not its function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national Court unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention'.(Garcia Ruiz vs Spain 1999 ) The right to a fair hearing, which is one such Convention right, has, as its wording generally suggests, been interpreted as providing only a procedural, not a substantive, guarantee. Accordingly, the Court will intervene in respect to 'errors of fact or law' by a national court only insofar as they bear upon compliance with the procedural guarantees in Article 6: it does not intervene under Article 6 because they affect the 'fairness' of the national court decision on its merits.(Anderson vs UK 1999) .

Illi effettivament dan huwa dak li qed jitlob ir-rikorrent fir-rikors promutur tieghu u cioe li dina l-Qorti terga tiftah il-mertu tal-proceduri kriminali u tiddikjara li kien hemm zbalji fattwali u li kien hemm enunzazzjoni hazina tal-ligi.

Din il-Qorti tirrievla li mhijiex il-funzjoni taghha li ssewwi 'zbalji' tal-qrati ordinarji. Il-gurisdizzjoni ta’ dina l-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk ir-rikorrent inghatax smigh xieraq izda mhux li tistharreg jekk il-qrati ordinarji iddecidewx b'mod tajjeb u korrett it-tilwima. Altrimenti dina l-Qorti kostituzzjonali u konvenzjonali tigi mibdula f'Qorti tat-tielet jew raba' istanza.

Illi dina l-Qorti ezaminat l-atti tal-Qorti tal-Magistrati u tal-Qorti tal-Appell Kriminali ezibiti u ssib li wara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, ir-rikorrent kellu disponibbili ghalih appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn seta jikkontesta d-decizjoni tal-

Qorti tal-Magistrati dwar addebitu tal-aggravju tal-post imma dana l-aggravju ma kienx wiehed minn dawk imressqa minnu meta appella, imma huwa appella biss fuq il-fatt li l-piena kienet harxa u esagerata.

Ghalhehkk ir-rikorrenti setgha liberament qajjem dak l-aggravju (li hu l-istess aggravju quddiem din il-Qorti) quddiem il-Qorti tal-Appell, haga li ma ghamilx. Ghalhekk meta l-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati hija ma kisret ebda dritt tar-rikorrent billi hu ma kien ressaq l-ebda aggravju tal-post u dika l-parti tas-sentenza kienet gudikata u l-Qorti tal-Appell semplicement ikkonfermat dik il-parti tas-sentenza li ma gietx appellata.

Ir-rikorrent ma jistax issa jippretendi li dina l-Qorti bhala Qorti ta' gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghmel tajjeb, bhala xi Qorti ta' terza istanza, ghal nuqqas tieghu meta ma appellax b'dak l-aggravju. Hu risaput li f'kaz, fejn minhabba nuqqas tieghu stess, appellant jonqos milli jressaq aggravju meta tkun giet moghtija lilu kull opportunita li jgibu, f'dak il-kaz "imputet sibi".

Ghalhekk ir-rikorrent ma jistax ighid li hu ma nghatax smigh xieraq billi jirrizulta li hu kellu l-opportunita kollha permezz ta' appell li jikkontesta l-allegat zball jew l-interpretazzjoni hazina tal-Qorti tal-Magistrati imma xorta wahda huwa ressaqx dak l-aggravju.

Il-Qorti tista' tieqaf hawn billi l-lanjanzi tar-rikorrent huma infondata.

Ghal kull buon fini, il-Qorti tirrileva li l-bazi tal-lanjanza tar-rikorrent hija li l-atti processwali juru bic-car li l-ezercizzju ta' traffikar kien jsehh mid-dar tieghu li hija l-boghod hafna aktar minn mitt metru mil-post fejn jingabru z-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh.

Mill-provi rrizulta li meta r-rikorrent gie arrestat fil-hanut taz-zraben hdejn il-Bank of Valletta tan-Naxxar, fil-pussess tieghu kien hemm bott tal-plastic kontenenti d-droga. Illi mill-provi rrizulta wkoll li tali hanut huwa fil-vicinanzi ta' bandli tat-tfal. Fil-fatt il-hanut fejn gie arrestat ir-rikorrent bid-droga kien vicin l-iskoka. Il-Perit Valerio

Schembri kkonkluda li l-Muzew tas-subien u l-playing field jaqghu fic-cirku ta' radius ta' 100 metru (para. 3 a fol. 441). Il-Qorti tal-Magistrati hadet in konsiderazzjoni r-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri dwar l-aggravju tal-mitt (100) metru.

Ir-rikorrent ggustifika l-presenza tieghu fil-hanut billi sostna li huwa kellu il-flus fuqu ghax mar jixtri zarbun u ried ihallas ic-citazzjoni u ma kienx hemm biex jittraffika d-drogi. Imma l-Qorti tal-Magistrati kienet kategorika meta fis-sentenza taghha ddikjarat li 'frankament il-Qorti, bla tlaqlieq tqis illi Victor Buttigieg ghal kollox inveritjier' u ma accettatx il-versjoni tieghu tar-raguni tal-presenza tieghu fil-hanut. Il-verzjoni li kien forna r-rikorrenti ma kkonvincietx lill-Qorti tal-Magistrati u dina l-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni li tidhol fl-apprezzament tal-provi li ghamlet dik il-Qorti.

Kwantu ghar-ragunament tar-rikorrenti illi l-Qorti tal-Magistrati minn rajha applikat it-tieni proviso tas-subinciz (2) tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 jigi rilevat illi originarjament l-Avukat Generali kien ordna biex dawk il-proceduri jimxu bhala Qorti Istruttorja (ara fol. 20) – in konformita mal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta imbaghad meta gew maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, l-Avukat Generali baghat il-Kontro Ordni taht l-imsemmi Kapitolu (fol. 458) biex il-kaz jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati bhala gudikatura Kriminali, l-istess in konformita mal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Jigifieri l-Qorti tal-Magistrati applikat il-ligi li fuqha gie akkuzat ir-rikorrent u l-Qorti citat l-artikoli rilevanti li fuqhom kienet qed issib il-htija.

Finalment din il-Qorti hi tal-fehma li anke kieku ghal grazzja tal-argument kellu jigi accettat li kien hemm xi 'error of fact or law, id-decizjoni tal-Qorti Kriminali ma kinitx 'arbitrary or manifestly unreasonable' (**Camilleri v Malta**, App. No. 51760/99 (2000) DA). Il-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali apprezzaw il-lanjanzi tar-rikorrent b'mod gust kif jirrizulta mill-analizi tal-provi migbura fl-atti tal-process kriminali ezibit.

Il-Qorti ghalhekk ma ssib ebda lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti senjatament taht l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur